Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Ammissjoni Nru: 4/2017

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Omissis u Alessandro Giuseppe Gandolfo

Illum 31 ta' Mejju, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-akkuzati Omissis u Alessandro Giuseppe Gandolfo detentur tal-karta tal-identita' Taljana AR3656169 akkuzati talli:

Fis-27 ta' Novembru, 2015, ghall-habta tal-16:00hrs gewwa Rabat (Malta) ikkommettew serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jeccedi Euro 232.94 u dan ghad-dannu ta' Joseph Pulo u jew persuni ohra u dan bl-aggravju ai termini tal-Artikolu 276A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Pulo skont kif iccerfika Dr. Edvyn Andy Wongso mill-Isptar Mater Dei u dan bl-aggravji ai termini tal-artikoli 217 u 222A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Joseph Pulo, kontra l-volonta' tieghu, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-waqt li kienu qed jaghmlu reat kontra l-persuna jew ta' serq jew hsara fil-propjeta' kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garrew il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi strument li jaqta u bil-ponta minghjar ma kellhom licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku, libsu maskra jew biddlu s-sura taghhom, barra minn fiz-zmien u bil-mod illi tippremetti l-ligi.

Alessandro Giuseppe Gandolfo wahdu talli nhar is-27 ta' Novembru, 2015 gewwa dawn il-gzejjer, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehudha mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Omissis wahdu talli:

Nhar is-27 ta' Novembru, 2015 saq vettura GU03XWM minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni.

U aktar talli meta l-indirizz fuq il-karta tal-identita' tal-imputat ma baqax aktar validu jew' xort'ohra, ma baqax aktar korrett, minghajr dewmien, huwa naqas milli jirraporta l-fatt lill-ufficjal awtroizzat u naqas milli jikkonsenja l-istess karta tal-identita' mhux korretta lil, u jaghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal;

F'kaz ta' hija il-Qorti giet mitluba sabiex tordna l-hlas tal-ispejjez ghal dak li ghandu x'jaqsam ma hatra ta' esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Stuttorja tal-4 ta' Mejju, 2017 fejn l-akkuzat Alessandro Giuseppe Gandolfo ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatlu zmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 2017 fejn iddikjara li ai termini tal- artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif adebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputat rregistra l-ammissjoni fuq imsemmija, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Alessandro Giuseppe Gandolfo, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Mejju 2017 fejn iddikjaraw illi qablu ai termini tal-artikoli 392B(5)(a) tal-Kodici Kriminali u talbu lil din l-Onorabbli Qorti timponi fuq il-hati Alessandro Giuseppe Gandolfo piena ta' prigunerija effettiva ghall-perjodu ta' sitt (6) snin u tmien (8) xhur, flimkien ma' multa ta' mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati.

Din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-4 ta' Mejju, 2017, u sussegwentement konfermata dakinhar stess, tiddikjara lil Alessandro Giuseppe Gandolfo hati talli:

Fis-27 ta' Novembru, 2015, ghall-habta tal-16:00hrs gewwa Rabat (Malta) ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jeccedi Euro 232.94 u dan ghad-dannu ta' Joseph Pulo u jew persuni ohra u dan bl-aggravju ai termini tal-Artikolu 276A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Pulo skont kif iccerfika Dr. Edvyn Andy Wongso mill-Isptar

Mater Dei u dan bl-aggravji ai termini tal-artikoli 217 u 222A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joseph Pulo, kontra l-volonta' tieghu, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-waqt li kien qieghed jaghmel reat kontra l-persuna jew ta' serq jew hsara fil-propjeta' kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi strument li jaqta u bil-ponta minghjar ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku, libes maskra jew biddel is-sura tieghu, barra minn fiz-zmien u bil-mod illi tippremetti l-ligi.

Talli nhar is-27 ta' Novembru, 2015 gewwa dawn il-gzejjer, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehudha mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat,

Illi il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna taghmel ammissjoni bikrija fasslu il-linji gwida li il-Qorti ghandha issegwi liema linji gwida huma indikati fid-decizjonijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti tħoss li fil-każ ta' Alessandro Giuseppe Gandolfo għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 392B(5) tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 274(b), 275, 276A, 277(b), 280(2)(3), 214, 215, 216, 217, 222A, 86, 87(1)(c), 338(n), 17, 31, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 6, 51(7), 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, tikkundanna lil hati Alessandro Giuseppe Gandolfo ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' sitt (6) snin u tmien (8) xhur flimkien ma' multa ta' mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'erbat' ijiem (4) prigunerija, kif ukoll tikkundannah ihallas s-somma ta' (*€3461.35*) tlett elef, erba mija u wiehed u sittin Ewro u hamsa u tletin centezmu, rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Edwina Grima

Imhallef